

# Marija s-seftura

Ralph Micallef

Forsi dan it-titlu ma tantx idoqqilna għal widnejna. Donnu jidher nuqqas ta' rispett lir-Reġina tal-anġli u l-qaddisin, meta naghtuha titlu hekk fqir. Biex inkunu għedna kollox, donnu l-bnieden modern ittenda li ċertu kliem ma għadux jixraq lil din il-kategorija ta' nisa li jaqilgħu l-għajxien tagħhom billi jagħmlu l-faċendi f'dar ħaddieħor.

Hekk f'kull lingwa, il-kliem l-antik ma għadux moda, pereżempju:

- Fil-lingwa Maltija: seftura, qaddejja, serva
- Fil-lingwa taljana: *donna di servizio*
- Fil-lingwa ingliża: *housemaid* jew *handmaid* u flokhom daħal kliem aktar modern li jgħolli xi ftit l-istatus ta' din il-kategorija ta' nisa. Illum aktar nużaw il-kliem: *housekeeper, house-manageress, babysitter, lavorante alla par* jew *collaboratrice familiare*.

Madankollu kienet Marija stess li għażlitu t-titlu ta' **Qaddejja** jew **Seftura**. Fil-Vanġelu ta' San Luqa, saħansitra mhux darba iżda darbtejn Marija sejħet lilha nnfisha "Qaddejja".

1. L-ewwel darba meta dehrilha l-anġlu f'Nazaret. L-anġlu sellmilha u hija tatu l-*visiting card* tagħha: "**Hawn jiena l-Qaddejja tal-Mulej".**
2. It-tieni darba meta Marija nfexxet fl-għanja tal-Magnificat. Hija tfaħħar lill-Mulej: "għax ħares lejn iċ-ċokon (ix-xejn) tal**-"Qaddejja Tiegħu".**

Għalhekk Marija hi "Qaddejja bi dritt u bir-raġun".

**Dan it-titlu "Qaddejja" hu wisq għal qalbha.**

Daqskemm il-barunijiet jippretenduha bit-titli u bl-onorifiċenzi, daqshekk ieħor Marija bi dritt tridha ta' "qaddejja".

**Dan it-titlu "Qaddejja" jgħinha tagħraf mill-ewwel min hu tal-qatgħa tagħha.**

U Marija mill-ewwel għarfet li l-profeta Xmuni hu tal-istess qatgħa tagħha; meta qal: "Issa o Sidi tista tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem skont kelmtek".

Marija qaddejja. Xmun qaddej. U Marija fdat lil Ġesù f'dirgħajh.

**It-titlu "Qaddej", waqt it-tieġ ta' Kana jawtorizzaha ddur lejn il-qaddejja.**

Hi qaddejja ddur lejn il-qaddejja, għax nies tal-istess klassi jiftehmu aħjar.

U tathom riċetta: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu".

Din ir-riċetta tgħodd għalina lkoll.

Hi stednitna biex aħna wkoll nidħlu fl-istess *Union* jew *Għaqda tal-Qaddejja*.

Hi ħaġa kurjuża kif dan it-titlu "Qaddejja" ma għandux post fil-Litanija. Wara kollox dan it-titlu għażlitu hija stess!

Forsi għax dan it-titlu "Qaddejja" ibaxxi xi ftit il-prestiġju ta' Omm Alla? Dan iġagħlek taħseb li l-"qadi" għadu ma sarx il-prinċipju li jesprimi l-ħajja kollha tagħna.